# *MOHH TAJJEB*

Ta' Rikardu Mifsud Bonnici

FIL-GWERRA l-kbira, il-Hakem tal-Gżira ħareġ bandu, li l-bejjiegħa kollha tal-ġwies b'irfus għandhom jiktbu kull ma jtellgħu mix-xatt u li jbigħu, b'dan igħarrfu wkoll lill-gvern bil-miktub.

Żeppi ż-Żmajmoċċ minn Bur-Marrod, ma ħabbilx rasu b'amar il-Hakem.

Żeppi kellu miegħu raġel sewwa u bin is-sewwa; Vitor il-Mellieħi, li kien jiktiblu xi ħaġa tad-djun u jagħmillu l-iswed fl-abjad meta l-midjuna kienu jħallsu dak li sidu kien isielhom.

Vitor ma kienx lura sa barra fl-iskola, billi kien għal qassis, iżda t-toqol tal-vjeġġ qatagħlu qalbu u żdinga; lil Peppi kien jaqdih, u dan jeħtieġu.

Meta Vitor qralu t-twissija biex jibgħat bil-miktub f'Dejr il-Hakem tal-Gżira, il-bejgħ u x-xiri tal-iġwies, tfantas u ma niżlitlux: qallu: "U dan fejn irridu nibagħtuh?"

"Il-Bibljoteka", wieġbu Vitor.

"Ma nibagħtu xejn".

"Jekk ma nibagħtux aħjar għalija, għax innaqqas mix-xogħol; iżda Pepp... Il-ħmar orbtu fejn igħidlek sidu".

"Isma' Vitor, aħna wara Alla ma għandniex sidien, għajr il-bhejjem, għax l-ewwel ma nagħalfu lilhom, u qegħdin magħhom bħan-nar max-xama'; naħdmu iżjed milli nifilħu! Dan fadal issa... nżidu l-kitba! Għax ma għandux ikollna rajna f'idejna? Is-sabreċ! Il-gvern fejn jidhirlu ma jgħabbiniex bis-sisa? U l-ġwies ma nħallsuhx bil-qoddiem!

"Qis qiesek", iżda meta tkun fiż-żifna, inti jkollok tiżfen".

"Meta nkunu f'dak il-baħar ngħumu...... jien għandi nifsi twil, u x-xatt nilħqu, hekk jew hekk."

Żeppi baqa' jixtri u jbigħ biċċa sewwa kif daqqlu rajh. Għaddew xahar, għaddew tnejn...... wara xi tliet xhur waslitlu risla oħra mill-Belt biex jinżel sal-Bibljoteka għax iridu jkellmuh.

"Issa x'ser nagħmlu?" qallu Vitor immasħan u mbergħen.

"X'inti titbażżża', Vitor, hux nhar it-Tnejn iridu jkellmuni? Jekk Alla jamar it-Tnejn hemm inkun."

"Iżda kif ser teħles minn dil-bixkla?" Il-liġi mhix lastku. Jekk għandek ħila tagħmilha ta' baħnan, jista' jkun li ddabbar

rasek, għax l-iblah ma jħallasx dwana, mill-bqija ma għandekx bieb mnejn toħroġ!

"Min għandu n-nagħaġ għandu l-ġild u min għandu n-naħal għandu r-riħ", reġa' Żeppi.

"Mela ġej miegħi; moħħ tajjeb irid ikun; turi ħaġa b'oħra, bħall-oqbra mbajjda", wieġeb Vitor b'ħarsa li tfisser fehma qawwija."

"Jien notnos(1) u nilżem(2) dejjem f'fehemti, għax mill-bieb jew mit-tieqa rrid noħroġ".

Iż-Żmajmoċċ kien raġel qisu mramma, jiflaħ daqs gendus, twil u oħxon, wiċċu mfaqqa' u mgħaddam, kemmxejn mismut, għajnejh imbissma dejjem, u jidħku jew jibku kull x'ħin irid hu; ġbinu għoli u għalkemm maħruq bix-xemx iżda mxarrab bid-demm; mustaċċih ħfief u mitluqa għal fuq xofftejh, u minn moħħu ġor-raħal, ħadd ma kien igħaddih. F'dan iż-żmien li qegħdin insemmu, Żeppi kien fl-aħjar tiegħu, ilaħħaq iż-żewġ għexieren b'xi sena jew tnejn imxellfa.

"Għidlu l-Qandli" rama' jredden u jħammem Żeppi, "aħjar jerfa' salibu! Ara nafuhx lil Salvu? Hu ħa ħsiebi...... biċċa deheb mastizz...... minn kull qatta għandu ħemel u minn kull qoffa għandu miżbla! Mhux għax jien ser inqill għal Salvu, hu jrid jagħmilli l-ħsara u din m'hi tajba għal ħadd...... iżda l-lġiem ta' Dini jġagħalni naħfer, għax inkella b'rasi jdur 'l hinn mill-qabar! Missieri darriena fil-Hdud u l-Btajjel inqumu minn sbiħ Alla nisimgħu l-Awrora għad-dlam, u l-qassis mhux darba u tnejn u tlieta fissrilna kemm-il darba fuq il-maħfra tal-għedewwa, illi jekk ma naħfrux lanqas Alla ma jaħfrilna! U darba taf x'qal hux?... "Kristu għallimna l-Missierna, biex nibqgħu niftakru dejjem u nistqarru b'ilsienna, illi bil-kejl li naħfru, b'dak Alla jaħfrilna Maħfra b'Maħfra!" Fl-aħħar mill-aħħar, billi l-Qandli ħema u xela għalija, lili ma għamilli xejn; għax naf kif għandi noħroġ min-nasba.

"Mela Żepp mur", qallu b'żegħila tal-fomm Vitor, qis li għal xi d-9 tkun il-Bibljoteka... u ħares: skiet qabri, u kif ftehemna; isma' minni.

"Nisma' ngħid! Is-smigħ ma fihx irfigħ, u la ħsilt ħsibt hekk, hekk notnos, fehemti ma nbiddilhiex. Habat tajjeb il-lant! Sewwa sew it-Tnejn għandi xi 35 ħemel silla, minn fuq "Ta' Bilwien" u jien u Gawdenz sat-8 nkunu meddejniehom ġol-għorof tar-razzett; iċ-Ċuplajs bieżel u ħafif kemm tridu... Alla jbierku qisu berqa! Hu jarma l-bagħal u jien inxedd il-moħor... u nagħmillek tajjeb, Vitor, li l-baqra ma toħroġx bil-

ħabb, u mit-tabxa noħorġu b'wiċċ il-ġid; malli neħilsu missilla, kif inkun imħaxlef u mxewlaħ qisni qagħbur, nitlaq ma' Gawdenz; lilu nħallih jittennieni wara ta' Putirjal u jiena nerħilha lejn il-"Puplutieka".

"Iva; u staqsi għal dan:" Vitor newwillu karta f'idu...... u bil-behem(3) u l-werrej(4) għafas xofftejh, bħalkieku, wissih: kliem ma' ħadd.

"Halli f'idejja", wieġbu Peppi, u telaq bħal għafrid minn quddiemu; ma għaddewx kemm wieħed igħid ħames kredijiet, Żeppi daħal bilġri l-maqjel, f'għamla fela b'għajnejh botom żrameġ, il-ġmiel tagħhom, għażel l-isbaħ wieħed, kien imbierek Alla, qisu ħaruf!... U ħafif daqs għażżiela ħewlu lil Vitor: "Ha, dan iġbdu tajjeb għal fuq l-ispekett, indafru miegħu inti u l-għabura, u ixorbu fuqu belagħtejn jew tlieta nbid u Alla jbierek id-dinja."

Vitor kien baxx fuq xriek b'irjusu mserrħa fuq żewġ xulliliet ġod-daħla tal-mandra sejjer ixedd il-ħmara biex jitla' r-raħal. Ix-xemx kienet qiegħda taħseb biex togħdos f'baħar il-għarb tħalli xaqliba mid-dinja mkebba f'mantar dalmi, iddellijiet kienu ġa bdew jaqbżu minn fuq il-blat għoli u jinfirxu fuq il-ħlejqiet imberrħa ta' dawk l-inħawi; kien għalhekk riesaq dak in-niket marsus ġewwa kull qalb li x-xemx tħalli f'għibha; Vitor ukoll dak il-ħin ħa sehem mal-ħlejqiet u iżjed għamel bih il-biki meta ftakar fil-bixkla ta' Peppi, iżda malajr daret ma' qalbu fewġa hena li għada 'kk Alla jrid, terġa' titfaċċa u tagħti mill-ġdid lid-dinja l-ħajja u s-sliem. Iżda ma kellux qalbu f'sikkitha sa barra, wara li rama l-bhima, xekkel iż-żarmuġ, xeħtu ġol-benniena rikeb u rħielha lejn daru, il-Mellieħa, ċeklemċeklem, fit-triq qatagħha illi ż-żarmuġ jaqtagħlu nifsu, mhux le għada, kif qallu Peppi, iżda l-Hadd ta' wara, biex jekk ikun ħeles mit-tabxa kif kien jitma, Vitor u s-sieħba jduru annuna mal-mejda ħielsa minn kull ħsieb ta' dieqa, u ż-żarmuġ ma' l-ispagetti jinżlilhom iżjed għasel, u l-kus ta' l-inbid ibattluh sa l-inqas qatra, kif xtaqilhom Peppi.

* * *

Gauci, it-Tnejn kien il-Bibljoteka mperreċ wara l-bieb tarrajjes. Kien liebes qmis tal-fustan, tan-newl ta' Malta nofsha maqfula, biż-żibeġ ta' kuruna sewda mxerrfa minn fuq sidru u l-kmiem imxammrin sa fuq minkbejh; b'idejh imraxxmin: fuq il-leminija xbiha ta' Kristu Msallab, fuq l-oħra: l-Omm Imnikkta Sidtna. Sidrija, lanqas taf x'lewn hi maħlula u mitluqa fuq sidru; qaziet tal-kotnina lankè mehmuż madwar qaddu b'terħa

sewda, tirfidhulu minn ġenbejh b'żewġ dniedel iperpru; f'siequ l-waħda, qorqa tal-fart bis-suf b'kollox, maqfula fuq wiċċ siequ b'nitfa ta' dendula torbot qafla oħra għal wara għarqubu; siequ l-oħra għerja, u jofrok kemmxejn billi f'siequ l-mixduda kellu x-xquq tas-safra; kappell iswed minn dawk il-kbar... tal-faldi wisgħin, inkallat, u b'xi għanqbuta 'l hawn u 'l hinn mqabbda mill-falda għat-tromba li minn sena għal sena kien iżomm imdendel fuq witet ġol-maqjel, u ħwejġu mraxxa bil-frakijiet tanniexef, billi moqbejl kien ġarr is-silla għal ġol-għorof tar-razzett. F'kelma waħda kien qisu faxx basal aħdar misrum u mxewlaħ taħt mejda tal-ħaxix.

Żeppi ntasab mal-ħajt bil-kappell f'rasu; kien jidher bniedem hosbien jistenna kiebi, li kienu sejrin jaqtgħuhielu għal għomru; kulmin igħaddi minn quddiemu, bir-riħ, ifarfarlu minn fuqu xi frakijiet tal-weraq tas-silla niexfa u traxxax madwaru għabra sewwa.

Fis-siegħa u l-ħin instemgħet għajta: "Ġużeppi Gauci"... Żeppi għamel ta' bir-ruħu indehex... bħalli nqata'... ġabar xofftejh, ferfer kemmxejn idejh u rama jżebbeġ għajnejh 'l hawn u 'l hinn daqs nemes!

Il-purtier taħ daqqa t'għajn, rah donnu jrid igħid xi ħaġa:

— Inti Ġużeppi Gauci? — staqsieh b'ċanfira. Żeppi beda jirtogħod u bħalkieku l-kelma żammitlu fi griżmu u bi tgergira mejta fuq xofftejh wieġeb:

— Jien... sinjur... Żeppi ż-Żmajmoċċ...

— Mhux Gauci, kunjomok?

— Iwa...

— U mela ejja x'inti titbażża'!

Żeppi reġa' beda jirtogħod; u bħal wieħed imfixkel għall-aħħar, daħal mal-bewwieb fejn ir-rajjes.

— Neħħi dak il-kappell — qallu l-purtier b'wiċċ imqit; meta b'ħarsa mdardra flieh minn fuq s'isfel.

Gauci, bħal wieħed li għadu jqum minn nagħsa, talla' qajl qajl idu, ħafen il-falda tal-kappell, kixef rasu, għadda keff idu minn fuqha u... xi frakijiet tal-kuxlief u s-silla ġġarrfu fl-art, minn rasu muxagħra u mħabbla: Żeppi waqaf hemm fil-bieb, donnu mifxul ma jafx x'jaqbad jagħmel u mingħajr ħila, jitbażża' jersaq lejn ir-rajjes.

— Imxi ftit ieħor... sa quddiem is-sinjur... dak tar-rokna — lissen bħal imdejjaq il-bewwieb, fil-waqt li għemeż lis-sinjur.

Żeppi ndehex, billi l-purtier messlu nitfa driegħu biex iress-

qu lejh infixel... żebbeġ għajnejh... ħares 'il fuq u 'l isfel... għadda idu minn fuq moħħu u żamm ruħu tqil fil-pass...

— ...u niżżel dawk it-tixmiriet... lanqas li kont Għarbi — żied igħidlu l-bewwieb.

Ġużepp Gauci, ħa nifs qawwi u daħal f'tiġrija ta' ħsibijiet ferrieħa, li kattrulu l-ħila li kellu moħbija f'qalbu, u rama jgħid bejnu u bejn ruħu: "Issa dħalna fiż-żifna... jeħtieġ inwettqu ħilitna kollha biex noħorġu mit-tabxa b'wiċċ-il-ġid... Dawn it-tfal ta' fuq l-imnabar, mad-daqqa t'għajn, bejn wieħed u ieħor, għabbarthom kollha fi ħsiebi; ma jiswewx tebaq fwiedhom; inħossni li għandi l-imkif kollu biex ingħaddihom bid-dgħajsa..." u wara li ħakem bejn irkobbtejh l-kappell, niżżel it-tixmiriet ta' kmiem il-qmis u xi erbat iżwiel oħra xterdu quddiem il-mikteb tar-rajjes.

* * *

"X'jismek?" staqsieh b'wiċċ ħmieti r-rajjes.

"Żeppi ż-Żmajmoċċ" wieġeb Gauci meta waħħal għajnejh qawwija f'għajnejn ir-rajjes: ilsienu nofsu mbikkem, sidru jimla u jofrogħ u idejh jirtogħdu.

"Kunjomok xinhu?"

"Gauci."

"Fejn toqgħod?"

"Għalina!" qal f'qalbu Żeppi, u erħilu jħoll il-marden:...

"Ir-razzett sinjur... u minn xi waqtiet, il-mandra lejn Għajn-Riħana, hinni wkoll għandna razzett ieħor b'żewġ għorof ta' wsigħ bil-kbir, imtalla' fuq żewġt iġnub ta' setaħ ġoċ-ċarru(1) tagħna "tan-Newla"."

"Issa sirt naf ftit inqas minn qabel, fejn toqgħod", wieġeb bħal imdejjaq, iżda bi tbissima dgħajfa, ir-rajjes; "jiena mhux dan staqsejtek...... irrid naf fejn toqgħod bid-dar.

Gauci baqa' jħares lejh, bħal wieħed li kienu għaddejjin minn moħħu ħsebijiet qawwija u miblugħ fih in-nifsu, temtem:

"Iwa, nuf, sinjur... aħna qatt ma ċċaqlaqna mir-raħal..."

"Ir-raħal x'jismu?... Kif tgħajtulu?... tenna staqsieh ir-rajjes, b'wiċċ imqit u mgħaddab.

"Bur-Marrod".

"Limit of Musta", qabeż qal wieħed mill-iskrivani li kien qrib ir-rajjes.

"Ma tafx x'jismu r-raħal" tenna r-rajjes. "X'jismu r-raħal tagħkom?"

---

(1) Roqgħa raba', minn ħabel sħiħ.

"Aħna Bur-Marrod, ngħidulu, sinjur qalbi......"

Ir-rajjes għad ma qabadx li n-nies ta' Bur-Marrod, qajla għandhom x'jaqsmu mal-Mostin. Min twieled hemm, iżżewweġ u miet hemm ukoll, għax il-biċċa l-kbira, l-iżjed l-ibdiewa ebda xkiel ma għandhom li joftomhom jew joħroġhom minn Bur-Marrod; sal-knisja u l-qassisin għandhom biex jaqdu dmirhom ta' nsara. Terġa', in-nies ta' dawk l-imkejjen li l-biċċa l-kbira, kif għedna, huma bdiewa, igħixu minn fuq arthom; ibda mill-ħobża u l-qatra tal-inbid, sal-kurrata u l-ġbejna; ma tmurx f'dar ta' bidwi u ma ssiblux moddejn tgħam ġol-matmura u ż-żniebel tat-tin imqadded.

"Il-knisja tar-raħal tagħkom mhix mibnija għamla ta' koppla?" tenna staqsieh ir-rajjes; u bla ma stenna t-tweġiba, qam biex ifissirlu t-tifsila tal-Mosta: billi għolla jdejh 'il fuq bil-ħamest iswaba' miftuħa u msaqqfa għamla ta' koppla.

"Leq. sinjur..." wieġeb ħafif, ħafif, Żeppi. "Il-knisja tar-raħal tagħna donnha maqjel twil twil tal-ingħaġ... ġejja b'medda mixħuta għat-tul, mill-madħal sa fuq il-midbaħ il-kbir; qoddiem San Mikieli tagħna!

"Ma naqbdux art", qal ir-rajjes minn taħt ilsien, lil dak ta' ma' ġenbu.

"Hu u ħmar iroddu tnejn", wieġbu dan b'wiċċ daħkani iżda mqarras, "ma tista' taħtaf xejn minn fommu".

Tenna staqsieh ir-rajjes b'wiċċ imbergħen. "Mela d-dar fejn taħbat?"

"Ġor-razzett, sinjur".

"Iva, tajjeb. U r-razzett fejn jaħbat?... X'jisimha t-triq? Iżjed ċar minn hekk ma nistax inkellmek!" Hawn ir-rajjes tfawwar iżjed; minn bejn irkobbtejh rama jiġbed is-siġġu ta' taħtu lejn il-mikteb u mifxul kif kien qabad lapis tal-ixkaka bejn żewġt iswaba', tan-nofs u l-werrej, u magħdub, rama jtambar bih fuq ktejjeb li kellu quddiemu, x'ħin qallu:—

"Irrid naf fejn tiġi t-triq tar-razzett tagħkom, mingħajr ħafna kliem żejjed!"

Peppi telaq il-kappell fl-art, medd pass il quddiem, żebbeġ għajnejh 'il hawn u 'l hinn, waqqafhom fuq wiċċ ir-rajjes, xejjer idejh it-tnejn min-naħa għall-oħra b'medda kbira; l-ewwel, ngħidu aħna, lejn ix-xmiel, imbagħad jieħu skossa oħra u jxejjirhom lejn ix-xerq, meta b'dehwa kbira u b'wiċċu mfawwar qallu:—

"Triq 'il hawn u triq 'il hinn".

Sakemm qal hekk minn wiċċu ħareġ ix-xrar! u tgħidx

kemm żebbeġ, berraq u twerreċ! B'dik is-sidrija miftuħa titbandal ma' dirgħajh u bi xfarha jħabbtu ma' sidru: hawn Żeppi tagħna farfar minn fuqu xi erba' magħseb tas-silla u xi żewġt iżwiel milli kien fadallu ma' ħwejġu.

Ir-rajjes imfawwar amar lill-purtier biex iwarrbu mill-bieb 'il barra, għal ftit, billi kulħadd ried jixkatta bid-daħk.

Il-purtier resaq lejn Żeppi bi tbissima mxerrda ma' wiċċu u b'leħen imħannen qallu:—

—Barb..., tridx toqgħod tistenna ftit barra? Dal-waqt jarġa' jgħajjatlek.

—Mela sinjur, noħroġ... mela le!—wieġeb Żeppi mgerrex.

Ġużè Gauci tħarrek minn quddiem ir-rajjes mal-purtier: dan taptaplu fuq kitfu bil-ħlewwa kollha biex iwasslu sal-bieb, kif amarlu r-rajjes.

Il-purtier ħass qalbu teħla għal Żeppi; għalhekk issa, ħadu kemm sata' b'imġiba tajba, billi rah hekk ġwejjed! u mingħalih lanqas ma ntebaħ illi l-iskrivani kienu riedu jgħadduh biż-żiċċ u ta' tifel żgħir! B'hekk il-purtier ta xhieda li kellu qalbu minġura.

Qalb Żeppi tkebbset iżjed bil-ħeġġa biex jissokta jagħmel b'ħiltu kollha, kulma jista' biex lir-rajjes u lill-ġlajka ta' ma' dwaru jurihom ħaġa b'oħra: u din il-berqa ta' ħsebijiet ġo moħħu leħħet qawwija f'għajnejh.

Rama jgħid f'qalbu, u jħammem:—

"Ġewwa x-xilep! U jekk għadu mhux, għad fadalli ħila nħoll elf saram ieħor... Ir-rajjes ġa qalbu maqtugħa...... hekk qrajtlu f'wiċċu! U... dawn tal-ibliet" Dammi dammi... fustan xejn(2)..., moħħom daqs imħara... u ddaħħalhom kif trid ġol-ixkora — issokta jħewden fi ħsiebu — Il-ħabel, f'idejn dak li qiegħed jistħarriġni! L-oħrajn, m'humiex ħlief kiesa mperrċa u battala, ġol-iżġieġ jew fuq il-bank ta' bejjiegħa d-duwa: għall-wirja biss!" — U erħilu jhejji ruħu għal quddiem ir-rajjes.

* * *

"X'jidhrilkom?..." qal is-sur.............. lil dawk li kienu hemm jisimgħu l-istħarriġa ta' Gauci: "kontu qatt temmnu li ġo Malta għad fadal nies minn din il-għamla! Rashom marbuta hekk bl-ikrah! Jiena qatt ma kont nobsor li llum jinsabu nies hekk baħnana, ġewwa din il-Gżira! Lanqas li konna fi żmenijiet bikrin għall-aħħar!"

"Bħal dan, ma ssibx ieħor b'nemes; qal b'wiċċ daħkani

---

(2) **Qawl qadim: "Duħħan bla xiwa".**

wieħed fost il-ġgajta, li kien mixħut b'wiċċu fuq il-mikteb tiegħu u b'keff idu jserraħ rasu u b'għajnejh imsammra fuq wiċċ Żeppi......

Minn barra kien jinstama' d-daħk......

"Ma tistax taqbad art ma' raġel għafsi u rozz bħal dan! Ma naslux", gerger ir-rajjes imfixkel. Ma riedx kieku jagħti l-lala żejda lill-iskrivani, billi wieqaf minn qaddisu. "Sħiq fl-ilma", tenna r-rajjes minn taħt ilsien b'wiċċ iżjed imqit minn qabel.

"Arġa' sejjaħlu hawn ġew", amar ir-rajjes lill-purtier.

Żeppi daħal bħal bniedem imbażża', u kont ingħid aħjar, kieku għedt bħala bniedem imkexkex: u miblugħ fih in-nifsu, ħareġ tnehida minn qalbu, b'kefes idejh warajh, jilqgħu mal-ħajt tal-kamra, mexa żewġ passi lura, dendel idejh miż-żewġt ibħima mehmużin mat-terħa, u b'ħarsa mberrqa 'l fuq, bħal min bla jies, ifittex xi ħaġa fil-bogħod u ma jafx x'jaqbad jagħmel! Xeħet ħarsa ta' ħniena fuq wiċċ ir-rajjes...... għajnejh imtlew bid-dmugħ... u b'għaġla raġa' ġibidhom 'il fuq, fejn kienu mixħutin qabel.

—"Oqgħod bil-qiegħda Pepp, qallu r-rajjes wara li amar inewlulu siġġu.

Hawn Żeppi biddel f'malajr il-bixra ta' wiċċu u wara li serraħ fuq il-maqgħad, tbissem u wera ruħu bħalkieku qiegħed ġo maħdar(3) b'wiċċ kollu ferrieħi, u daħkani.

— Isma', Gauci — staqsieh ir-rajjes — inti ma tinżilx ix-xatt, biex tgħabbi l-ġwies?

—Leq, sinjur! Ix-xatt la qatt mort u lanqas naf fejn jiġi x-xatt, qalb ta' qalbi... sinjur!

—Mela min itellgħu l-ġwież mix-xatt?

—Missieri.

—U inti?

—Jien ninżel mal-ħmar......

—Mela missierek jixtri u jtalla' l-ġwież mix-xatt; hux tabilħaqq, Pepp?

— L-ixirka tal-imyażen u ċ-Ċuplajs igyabbuh fuq il-moħor, missieri jirkeb u Gawdenz isuq sar-raħal.

—U int?

— Jien u l-ħmar, inkunu wara ta' Putirjal jittennew 'il missieri, biex jekk ma jkunx fadal wisa' fejn jirkeb missieri fuq il-moħor, jintafa' fuq il-ħmar — u rama jżebbeġ għajnejh bħal

(3) Fejn tiġi milqugħa l-għarusa għat-tieġ.

nemes...... u wara li ttewweb titwiba mkarkra... "Jien issa bini l-ġuħ, sinjur; u l-ħmar qiegħed jittennieni barra l-belt, hu, u ċ-Ċuplajs..... Jaħasra..... Gawdenz, għandu qalb ta' nemer(4) mank ħaseb inizżel ħodon silla għall-bhima... imsejken il-ħmar għandu ġuħ minsi; issa sinjur...

—Inti taf tmur waħdek, ħdejn il-ħmar?" qatagħlu kliemu r-rajjes.

—Le... ma nafx... sinjur... u la naf hawn mnejn dħalt... u lanqas mnejn noħroġ... sinjur — u rama jħokk rasu u jingħi... — Jien hawn il-belt qatt ma dħalt kemm għandi għomor... u sinjur......

Ir-rajjes amar li jwasslu kontistabbli sa Putirjal.

— Ara Pepp — qallu r-rajjes — issa ġej pulizija ħalli jwassłek sa fejn għandek il-ħmar jistenniek... saħħa, Pepp; mur bis-sliema.

—Saħħa... sinjur... saħħa.

Il-bewwieb wassal 'il Gauci barra s-sala, u f'kemm ilna ngħidu, feġġ l-iżbirr.

— Isma' Portelli — lissen il-purtier lill-ġendarm—bl-amar tas-sur.............. wassal lil dar-raġel sa Putirjal; għax il-lum l-ewwel darba li daħal il-belt, mhux ħili jmur waħdu...

Gauci u Portelli ħarġu barra; dan wasslu sa Putirjal, Peppi ħareġ tmintax tal-fidda, ħares 'l hawn u 'l hinn: "ħa", qallu, "x'tixrob; f'ħajjietek u saħħa wisq, xbin".

Saħħa!... Alla jqawwik, qarib.

—Lil kulħadd — wieġeb ħieles, ħieles iż-Żmajmoċċ, u telqu lil xulxin. Żeppi tafa' ħarstu kemm jimirħu għajnejh u dlonk lemaħ il-ħmar u ċ-Ċuplajs; ħaffef il-pass u kif qorob ħdejhom qal lil Gawdenz: Baħar ix-xatt! Fehemti seħħet... irbaħnieha bl-ispejjeż b'kollox! Deffes idu bl-akbar dewha ġewwa l-bennie-na, ħataf bħal ħalliel ħobża u ġbejna. — Jien sejjer nieħu loqma għat-tewja: ċaqlaq Gawdenz ħa mmorru lejn id-dwejra.

Malli ż-Żmajmoċċ resaq qrib Bur-Marrod, f'dik ir-riħa safja ta' beraħ, infetħulu mnifsejh mill-imdewwa tal-belt, moħħu strieħ u qalbu ntrifdet: ħass ġo fih il-pulmuni jitmattru b'nifs twil twil u jitħarrku b'taħrika ta' saħħa qawwija — bħal meta xitla għadha tisġar tħoss fuqha u tistgħall il-benna tar-Rebbiegħa, wara r-rwiefen qliel u sfiq li kienu jinbarmu magħha għakksuha u nixxfuha, u r-riħtrieq li xorbilha t-tira tal-ħamrija li ġo fiha kienu tferrxu u tmattru egħruqha.

---

(4) **Tigra.**